

DEĊIJONIJIET

DEĊIJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2023/1439

tal-10 ta' Lulju 2023

li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2015/1333 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fil-31 ta' Lulju 2015, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2015/1333 ⁽¹⁾ dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja.
- (2) Il-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti ('KSNU'), fir-Riżoluzzjoni 2292(2016) tiegħu, awtorizza lill-Istati li jaġixxu fuq livell nazzjonali jew permezz ta' organizzazzjonijiet regionali biex jispezzjonaw fl-ibħra miftuħa 'l barra mill-kosta tal-Libja bastimenti li huma jkollhom raġunijiet raġonevoli biex jemmnu li qed iżorr armi jew materjal relatat lejn jew mil-Libja, direttament jew indirettament, bi ksur tal-embargo fuq l-armi tan-Nazzjonijiet Uniti fuq il-Libja u ddeċċieda li l-Istati, malli jiskopru, matul tali spezzjonijiet, ogħġetti pprojbiti mill-embargo fuq l-armi fuq il-Libja, għandhom issekwestraw u jiddisponu minn tali ogħġetti.
- (3) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2020/472 ⁽²⁾ tipprevedi li l-kompli ewljeni tal-operazzjoni navalni tal-Unjoni EUNAVFOR MED IRINI huwa li tikkontribwixxi għall-implementazzjoni tal-embargo fuq l-armi tan-Nazzjonijiet Uniti fuq il-Libja.
- (4) Għal dak l-għan, l-Artikolu 2(3) tad-Deċiżjoni (PESK) 2020/472 jipprevedi li, f'konformità mar-Riżoluzzjoni rilevanti tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti ('UNSCRs), b'mod partikolari l-UNSCR 2292(2016), u skont il-ħtieġa, l-EUNAVFOR MED IRINI għandha twettaq, fiż-Żona ta' Operazzjonijiet maqbula fl-ibħra miftuħa 'l barra mill-kosta tal-Libja, spezzjonijiet ta' bastimenti destinati lejn il-Libja jew ġejjin minnha fejn ikun hemm raġunijiet raġonevoli biex jitwemmen li tali bastimenti jkunu qed iżorr armi jew materjal relatat lejn jew mil-Libja, direttament jew indirettament, bi ksur tal-embargo fuq l-armi fuq il-Libja, u li l-EUNAVFOR MED IRINI għandha tieħu azzjoni rilevanti biex tissekwestra u tiddisponi minn tali ogħġetti.
- (5) Barra minn hekk, l-Artikolu 2(5) tad-Deċiżjoni (PESK) 2020/472 jipprevedi li, fid-dawl tar-rekwiżiti operazzjonali eċċeżzjonal, u fuq stedina minn Stat Membru, l-EUNAVFOR MED IRINI tista' tiddevja bastimenti lejn portiġiet ta' dak l-Istat Membru u tiddisponi minn armi u materjal relatat li tkun issekwestrat, inkluż permezz ta' ħżin, qerda jew trasferiment lil Stat Membru jew lil parti terza. Jipprevedi wkoll li d-disponiment minn armi sekwestrati u materjal relatat jista' jitwettaq bl-assistenza ta' Stat Membru, li għandu jimpenna ruħu li jlesti malajr kemm jista' jkun il-proċeduri meħtieġa biex ikun possibbli d-disponiment mill-ogħġetti sekwestrati, fil-qafas tal-liġi u l-proċeduri applikabbi.
- (6) Għalhekk jenħtieġ li jiġu introdotti dispożizzjoni rilevanti sabiex jipprevedu li tali Stat Membru jkun meħtieġ jieħu l-miżuri neċċesarji biex jiffaċċilita d-disponiment, fissem l-EUNAVFOR MED IRINI, minn armi u materjal relatat issekwestrati mill-EUNAVFOR MED IRINI fl-ibħra miftuħa f'konformità mal-mandat tagħha.
- (7) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2015/1333 tiġi emadata skont dan,

⁽¹⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/1333 tal-31 ta' Lulju 2015 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja, u li tħassar id-Deċiżjoni 2011/137/PESK (ĠU L 206, 1.8.2015, p. 34).

⁽²⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2020/472 tal-31 ta' Marzu 2020 dwar operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fil-Mediterran (EUNAVFOR MED IRINI) (ĠU L 101, 1.4.2020, p. 4).

ADOTTA DIN ID-DEĊIJONI:

Artikolu 1

L-artikolu li ġej jiddaħħal fid-Deċiżjoni (PESK) 2015/1333:

“Artikolu 5a

1. F'konformità mar-Riżoluzzjonijiet rilevanti tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti li jikkonċernaw il-Libja, b'mod partikolari UNSCR 1970(2011) u UNSCR 2292(2016), għandu jkun ipprojbit li bastimenti li jtajjru l-bandiera ta' pajjiż terz, destinati lejn il-Libja jew ġejjin minnha, iż-ġorru armi u materjal relata, inkluż oġġett iż-żgħad u teknoloġija li huma koperti mil-Lista Militari Komuni tal-Unjoni, lejn jew mil-Libja, direttament jew indirettament, fl-ibħra miftuħha 'l barra mill-kosta tal-Libja, bi ksur tal-embargo fuq l-armi stabbilit minn ENSCR 1970 (2011).
2. Stat Membru li jassisti lill-EUNAVFOR MED IRINI f'konformità mal-Artikolu 2(5) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2020/472 (*) għandu jieħu l-miżuri neċċessarji biex fissem l-EUNAVFOR MED IRINI jiddisponi minn armi jew materjal relata, inkluż oġġett iż-żgħad u teknoloġija koperti mil-Lista Militari Komuni tal-Unjoni, issekwestrati mill-EUNAVFOR MED IRINI fl-ibħra miftuħha skont l-Artikolu 2(3) ta' dik id-Deċiżjoni.
3. Id-disponiment imsemmi fil-paragrafu 2 jista' jsir, b'mod partikolari, permezz tal-qedra ta' dawk l-oġġetti, billi jsiru inoperabbi jew billi jkun permess l-użu tagħhom, inkluż minn parti terza, filwaqt li jiġi evitat it-trasferiment sussegwenti tagħhom lejn il-Libja jew lejn kwalunkwe pajjiż terz ieħor li lejh huwa pprojbit it-trasferiment ta' armi jew materjal relata.

(*) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2020/472 tal-31 ta' Marzu 2020 dwar operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fil-Mediterran (EUNAVFOR MED IRINI) (ĠU L 101, 1.4.2020, p. 4).".

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-publikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Lulju 2023.

*Għall-Kunsill
Il-President
P. NAVARRO RÍOS*